**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 /4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 73

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 73 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 18 ta' Jannar 2024, fil-5:30 pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 11 ta'Jannar, 2024
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier

Skużati

- Anthony Delia — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**73.1 Qari ta’ ittri ta’ apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta’apoloġija mingħand il-Kunsillier Anthony Delia u Paul Bugeja.

**73.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (72)**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti laqgħa 72 bil-Kunsillier Alfred Bray jissekonda l-mozzjoni. Il-minuti ġew approvati nem.con kif tressqu.

**73.3 Punti mill-Minuti**

**Proġett – Kids park/Ġnien fi Triq Cassarino**

Il-kunsill approva nem.con mozzjoni imressqa dwar il-proposta mressqa mill-perit biex f’partijiet tal-bankina jintuża konkrit bid-disinn minflok pavimentar bi stima addizzjonali ċirka €3,260 + Vat. Approva ukoll ħlas addizzjonali ta’ €5,000 + Vat għall-mogħdija ta’ cables tad-dawl minn taħt l-art u li l-ammont ta’ pajpijiet għat-tisqija jiżdied skont dak meħtieġ.

**Proġett – Kids park Burmarrad**

Il-kunsill approva nem.con stima addizzjonali ċirka €3,980 + Vat għal Wetpour.

**73.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- ***Community engagement UM nursing students***

  Il-kunsill qabel li jilqa stedina ta’ koloborazzjoni biex studenti nfermiera jagħmlu 4 ġimgħat ħidma fil-lokalita’li tgħin jiġu ndirizzati oqsma marbuta mas-saħħa.

- ***Tablets għal użu tal-kunsilliera***

  Fl-aħħar tal-leġislatura preżenti, l-valur nett fil-kotba finanzjarji tat-Tablets mixtrija għal użu tal-kunsilliera se jkun €118.63 biss. Għaldaqstant, il-kunsill qabel nem.con li ma jagħmilx sens li dawn jinġabru lura biex jgħaddu għand ħadd ieħor u għalhekk għandhom jitqiesu written-off.

- **Reġjun Tramuntana**

  *Colours off the North Book 2*

  Se jiġi ppubblikat it-tieni edizzjoni tal-ktieb. Il-kunsill innomina lil Niki Farrugia (għawm), Elio Lombardi (films maltin), Freddie Portelli (kantant), Ferdinand Fenech (lukandi), Joseph Vella (banda), Dr Lino Vella (Sirens ASA), Vince Agius (Istitut Soċjo Kulturali) Bertu Grima (ta’ għajnuna l’għaqdiet), Eddie Chetcuti (festa).

- *Merħba Signs*

  Il-kunsill qabel mal-proposta tar-Reġjun Tramuntana li fil-lokalita’ titwaħħal tabella ta’ merħba moderna /diġitali possibilment fil-pjazza quddiem il-knisja Burmarrad.

  *Laqgħa annwali Reġjun*

  Il-laqgħa se tinżammfit-3 ta’ Frar 2024 fid-9am l-Imtarfa, u l-kunsill u l-ħaddiema huma mistiedna jattendu.

*Kalendarju tal-Ġimgħa l-Kbira*

Il-kunsill huwa mħeġġeġ biex jara jekk hawnx xi NGO/individwi fil-lokalita li se jagħmlu attivitajiet/esebizzjonijiet sabiex tiġi riklamata.

*Bolla Komomorattiva*

Il-kunsill ippropona t-Torri Wignacourt.

- ***Statwa Freddie Portelli***

  Il-kunsill approva li l-istatwa nkwistjoni tiġi nkorporata b'xi mod qrib u/jew fil-proġett fi Triq San Ġeraldu kif rakkomandat fir-rapport tal-Perit EMDP.

- ***Żjara mis-Sindku u membri tal-istaff tal-Kunsill minn Oroslavje***

  Iż-żjara se ssir bejn s-19 u 22 ta' Jannar 2024. Il-kunsill approva nem.con li jagħmel tajjeb għall-ispejjes marbuta ma din il-mawra bi spiża li ma taqbiżx l-€1,000.00

- ***Proġett Amazonia – Triq it-Trunċiera***

  Il-kunsill ma sabx oġġezzjoni li r-railing ta' quddiem l-Amazonia jinqala u għalhekk approva r-it-tibdil indikat fil-pjanti mressqa.

- ***Illuminating Malta's Cultural Treasures: Explore Malta***

  Il-kunsill qabel li jipparteċiepa bl-aħjar mod fejn ma hemm l-ebda spiża finanzjarja għall-kunsill. Bażikament il-kunsill jeħtieġ li:

  1. jipprepara google site plan immarkata b'pin tas-siti storiċi kollha fil-lokalita'.
  2. iġib l-approvazzjoni tas-sid fejn is-sit ikun tal-privat biex jitwaħħlu 2 bicons.
  3. Jagħmel disponibbli persuna biex takkumpanja lil min se jinstalla l-bicons.

- ***Soċjeta Mużikali Talba – Bazaar***

  Il-kunsill approva nem.con ir-rikjesta tas-Soċjeta biex torganiżża Bazaar fid-dati segwenti b'risq il-festa 2024, fil-belvedere tal-pjazza ta' Buġibba:

  Sibt 23 ta' Marzu 2024, mill-10am - 6.00pm.
  Sibt 27 ta' April 2024, mill-10am - 6.00pm.
  Sibt 25 ta' Mejju 2024, mill-10am - 7.00pm.
  Sibt 22 ta' Ġunju 2024, mill-10am - 9.00pm.
  Sibt 14 ta' Lulju 2024, mill-10am - 9.00pm.

- ***Cir AKL 2024/008 Personal Accident Policy - 29 ta' Jannar 2024 sa 28 ta' Jannar 2025***

  Il-kunsill approva ħlas ta' €30.00 għal kull membru tal-kunsill.

- ***Kulleġġ Maria Reġina, San Pawl il-Baħar***

  Il-kunsill approva li jagħmel €500 disponibbli biex tittella attivita' marbuta mall-festa ta' San Pawl.

**73.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**73.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

*73.6.1 SPB/T/08/2023 Tender for the Provision of Passenger Transport*

Daħħlu 3 offerti. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni u l-Kunsilliera Antoinette Bezzina issekondant, biex il-kunsill japprova r-rapport tal-Bord ta'Aġudikazzjoni biex l-individwu bl-inizzjali L.G li tefa' l-irħas offerta jingħata l-kuntratt. Il-kunsill approva.

*73.6.2 SPB T/08/2023 Supply of 2 Battery-operated air suction collectors.*

Il-kunsill approva li s-sejħa pubblika tinħareġ mill-ġdid wara li ma ntefgħet l-ebda offerta.

*73.6.2 Estimi Finazjari 2024*

Il-kunsill approva nem.con l-estimi finanzjarji għas-sena 2024 li ġew ippreżentati fil-laqgħa tal-lokalita li nżammet fit-12 ta' Diċembru 2023.

**73.7 Performace Bonus SE u Impjegati**

***73.7.1*** *Performace Bonus Impjegati*

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport bis-suġġerimenti tiegħu. Il-kunsill approva nem.con mozzjoni mressqa mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Alfred Bray biex ir-rapport jiġi approvat kif tressaq.

***73.7.2*** *Performace Bonus Report Segretarju Eżekuttiv*

Il-kunsill approva nem.con is-suġġeriment imressaq mis-Sindku biex is-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu tal-bonus għall-prestazzjoni tiegħu għas-sena 2023 bil-Kunsillier Mary Borg tissekonda l-mozzjoni.

Il-kunsill approva mozzjoni tas-Sindku biex ll-aġenda tiġi sospiża biex item 73.8 Immaniġjar ta' skart jiġi diskuss fl-aħħar. Il-Kunsillier Chris Vella Petroni ssekonda l-mozzjoni.

**73.8 Immaniġjar ta' skart**

**Borża s-sewda** - fl-ewwel 11 il-xhar ta' l-2023 il-kunsill nefaq €130,068 aktar mis-sena preċidenti għal ġbir u rimi minkejja li nġabru 573.53 tunnellata ta' skart imħallat anqas.

**Borża organika** - fl-ewwel 11 il-xhar ta' l-2023 ingabru 201.09 tunnellata ta' skart organiku aktar mill-2022.

Liż-żbalji li saru mir-Reġjun Tramuntana f'dan il-qasam se jħallu negattiv fuq il-kotba finanzjarji tal-kunsill fejn se jkun meħtieġ li eluf ta' Euro f'fondi jingħataw lura.

**73.9 SPI/SCI/06/2023 - Korsijiet Lifelong Learning 2024-2025**

Il-kunsill approva nem.con li ssir applikazzjoni mill-ġdid għal korsijiet indikati fiċ-Ċirkulari Numru SPI/SCI/06/2023 - Korsijiet Lifelong Learning 2024-2025 kif ukoll għal ħlas marbuta mal-ftuħ u l-għeluq ta' l-iskola.

**73.10 SPBT /09/2019 To provide resurfacing & patching of roads**

Fis-27 ta' Diċembru 2023 inħareġ default notice ieħor lil kumpanija Road Services Ltd li għanda l-kuntratt minħabba li għal xhur sħaħ naqset milli twettaq l-obligi tagħha skond il-ftehim. Il-kunsill qabel li b'rispett lejn is-sigurta tal-persuna fit-toroq, tingħata direct order biex isiru xogħolijiet jekk meħtieġ.

**73.11 Ftehim – Parkeġġ Kulleġġ Maria Reġina, Qawra**

Il-parkeġġ qed jiġi operat fuq 3 xiftijiet, b'dak ta' fil-għodu mill-ħaddiema tal-kunsill bil-kumplament mill-kuntrattur li rebaħ il-kuntratt. Is-Sindku Alfred Grima informa li hu fetaħ diskussjonijiet biex possibilment parti sostanzjali mis-sular -1 tinfetaħ ukoll għal-pubbliku, b'ħinijiet ridotti. Jekk dan iseħħ jgħati lok li l-art biswiet l-iskola tintuża bħala żona għar-rikreazzjoni tat-tfal.

**73.12 Laqgħa Ministeru ta' l-Intern – Installazzjoni ta' CCTV's**

Il-kunsill approva nem.con l-installazzjoni ta' CCTV's fis-segwenti żoni bil-kundizzjoni, li dawn ma jintużawx għal infurzar ta' liġijiet marbuta ma kontravenzjoniet tat-traffiku.

Triq il-Bardnell (zona EV charging point)
Triq il-Korp tal-Pijunieri kantuniera Triq il-Qalb ta' Ġesu.
Triq Annetto Carauna kantuniera Triq it-Turisti.
Triq il-Qawra żona grada Ġnien Melita.
Triq il-Qawra żona il-grada ta' Sirens futbol grawnd.
Triq Trunċiera żona ta' Fra Ben Restorant
Triq Trunċiera żona open Gym
Triq Dawret il-Gżejjer żona moll ta' Buġibba
Triq il-Port Ruman żona l-grada Kulleġġ Maria Reġina
Pjazza Buġibba
Ġnien Cassarino
Triq iċ-Ċagħaq.
Zona Bus Terminus

**73.13 Affarijiet Oħra**

***73.13.1 Kuntratt Project Manager***

Il-kumpanija li rebħet il-kuntratt ta' Project Management infurmat verbalment li mhux se tkompli toffri s-servizz skond il-ftehim. Dan wara li l-kunsill esiġa li l-persuna nkwistjoni tirraporta l-kunsill u tibda tipprepara rapport dwar il-bankini skond il-ftehim.

**73.14 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż**

*73.11.01* ***Ħarġa għal anzjani***

Is-Sindku Alfred Grima ssekondat mill-Kunsilliera Antoinette Bezzina ippropona li l-kunsill jissussidja nofs il-prezz li jammonta għal €7.50 tal-ħarġa għal anzjani b'ID fuq il-lokalita li se tinżamm fi Frar 2024 u li l-kunsill jagħmel tajjeb ukoll għat-trasport.
Il-kunsill approva nem.con.

**73.15 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti Nru 1**

Re-pagament **1301** (Cassarino Street Playing Field) il-kunsill qabel li b'mod temporanju jinżammu 15% mill-kont numru 4, jiġifieri jitħallsu **€20,794.08** minflok **€24,463.62** skont deċiżżjoni meħuda preċidentalment.

Approva ukoll, li l-pagament **74** (Reġjun Tramuntana) fl-ammont ta' **€48,023.52** u pagamenti oħra relatati mall-ġbir ta' skart jinżammu sabiex minhom jitnaqqas l-ammont finanzjarju li għadda dirett lir-reġjun.

Il-Kunsilliera Mary Borg u Daryl Connor ipproponew u ssekondaw rispettivament li lis-skeda tal-pagamenti tiġi approvata kif deċiż mill-kunsill. Il-kunsill approva nem.con.

**73.16 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-19.30 hrs u aġġornata għal-Ħamis 22 ta' Frar 2024 fil-17.30 hrs.

**Approvati fit-22 ta' Frar, 2024**

**IFFIRMATI**

________________________
Alfred Grima
Sindku

**IFFIRMATI**

________________________
Marico Sammut
Segretarju Eżekuttiv